**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 164/18/B

James u Jacqueline Ciangura
Vs
Bond's Limited

Illum, 17 Frar, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tal-atturi ipprezentat fid-29 t' Ottubru 2018

Ra r-risposta tal-intimata datata 13 ta' Novembru 2018

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal tal-atturi qed jitlobu hlas fl-ammont ta' € 1225 danni sofferti minhabba l-agir tas-socejta' konvenuta u € 700 bhala danni morali ghal hames xhur minghajr kcina

Illi fir-risposta taghha, s-socjeta' konvenuta eccepiet illi hija kienet qed tichad it-talba attrici u li sar pagament lill-atturi tad-depozitu li kien in full and final settlement.

Illi l-attur James Ciangura xehed bil-gurament illi huwa ghamel ordni ghall-kcina minghand Bond Limited. Illi wara li hallsu depozitu fl-ammont ta' € 500 rapprezentanti tas-socejta' konvenuta kienu marru fuq il-post ghalkejl tal-kcina. Illi l-kcina kellha tasal u tigi nstallata ghall-Lulju 2018 b'hekk ghal Gunju 2018 l-attur beda jnehhi l-kcina l-antika u jinstalla s-servizzi godda ghall-kcina il-gdid fuq il-pjanta moghtija lilu minn Bonds (esebita bhala Dok J3). Illi James Ciangura induna illi fil-pjanta kien hemm zball peress li hajt minnhom kien ikbar fil-pjanta milli fir-realta. Illi l-attur jispjega illi huwa ghamel kuntatt ma' Christopher Apap li kien nfurmah illi kienu ndunaw bil-problema u ghalhekk

cekknu l-cupboards sabiex jidhlu gal kejl tal-kamra minghajr mal-atturi gew ikkonsultati. Illi l-atturi talbu illi l-problema tigi rizolta billi l-*pullout* issir ta' 25 cm flok 30 cm. Illi ghal

bidu s-socjeta' konvenuta ikkonfermat illi dan seta' jsir pero' James Ciangura kien rega rcieva telefonata illi dan ma setax isir peress li kellu jinbidel it-top cupboard. Illi l-atturi talbu illi jinbidel it-top cupboard mis-socjeta' kovenuta peress li kienet problema li giet Kreata minnhom stess. Illi s-socjeta' konvenuta nfurmathom illi dan ma kienx possibli peress li l-finishings ma kienux ser jaqblu.

Illi in kontro ezami l-attur James Ciagura ikkonferma ukoll illi s-socjeta' konvenuta kienet ukoll offriet li tixtri lura l-appliances li kienu gew mixtrija tailor made ghal kcina kif orginarjament ordnata mill-atturi. Illi l-attur xehed illi minhabba l-agir tas-socjeta konvenuta huwa kien qed jitlob danni li sofra u cioe' differenza fil-prezz bejn il-kcina li kien ordna minghand Bonds u dik li huwa installa kif ukoll € 700 bhala danni morali.

Illi xehed Lee Aquilina illi ikkonferma illi kien hemm zball fil-pjanta minhabba xtur fil-hajt. Huwa spejga illi l-problema kienet giet rimedjata milli l-cupboards kienu gew ordnati ta' 25 cm flok ta' 30 cm perso ma setax jikkonferma jekk l-atturi gewx infurmati o meno b'tali tibdil. Illi l-atturi kienu lmentaw minn dan it-tibdil minkejja illi bhala spezju ma varja xejn peress illi l-pull out kienet nbidlet minn 25 cm Ghal 30 cm, pero l-kumpanija kienet lestha takkomoda lill-atturi. Illi l-attrici Jacqueline Ciangura kienet ureit ix-xewqa li kieku kienet tibdel l-frigde li kienet xtrat mingahnd il-crosscraft. pero' huma lmentaw illi l-fridge ma kienetx ser taqbel mal-kumplament tal-appliances ghalhekk ix-xhud spejga illi kien offra full payment taghhom. Illi sussegwentament l-atturi nfurmaw lix-xhud illi fridge ta' 55cm ma sabux u ghalhekk kienu disposti jaccettaw li l-cupboard ikun ta' 25 cm diment li din tkun pull out. Illi x-xhud jghid illi kien offra li jikkecja lokalment jekk din issirx ta' 25 cm peress li l-fabbrika tal-kcina kienet taghmel pullout biss ta' 15 jew 30 cm. Illi x-xhud jispejga illi kien ikkonferma li setghet issir minn kumpanija terza.

Illi x-xhud jghid wara xi ftit granet l-atturi talbu li tinbidel il-pozizzjoni tal-pull out u cioe' li l-pull out issir minn naha tax-xellug tal-cooker flok fin-naha tal-lemin. Xhud jghid il-probelma b'dan kien il-finishing tal-ghamara peress li l-bdil fil-cupboard kien ifisser illi l-genb li kien finished kien ser jigi mikxuf u vici versa. Illi xhud spejga illi finalment huwa kien offra lill-atturi depzoitu lura minkejja illi l-kcina li kienet wahda *made to measure* ghal dak il-kejl kienet waslet Malta b'telf finanzjarju ghas-socjeta' konvenuta. Illi x-xhud spejga ukoll illi l-pagament sar in full and final settlement kif jidher minn Dok 'BD2' u wara li l-atturi rcevew u ffirmaw ghall-pagament in full and final settlement huma batu l-ittra fejn talbu lis-socjeta' konvenuta l-kumpens minnhom mistenni.

Ikkunsidrat:

Illi t-Tribunal irid qabel jikkunsidra l-mertu tal-kawza irid jikkunsidra jekk l-kumpens moghti ta' € 500 mis-socjeta' konvenuta a saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi huwiex wiehed li ixejjen l-azzjoni *de quo.*

Illi t-Tribunal jinnota minn Dok 'BD 2' illi s-socjeta' konvenuta ghamlet offerta lill-atturi illi thallas lura d-depozitu li kien minnhom gie imhallas meta ghamlu l-ordni. Illi t-Tribunal jinnota illi ghalhekk id-dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok BD 2 hija l-qofol ghas-soluzzjoni tal-istess kawza.

Illi l-attur James Ciangura iffirma dikjarazzjoni illi taqra:

*"Deposit refunded HSBC 6378 in full and final settlement"*

Illi minkejja l-istess dikjarazzjoni minnhu iffirmata l-atturi resqu l-ilment quddiem dan it-Tribunal fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' danni u danni morali.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi din it-talba ma tistax tigi milqugha u dan peress illi l-pagament li gie offrut mis-socjeta' konvenuta u accettat mill-atturi kien wiehed a saldu ta' kul pretensjoni illi l-atturi kellhom fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. Illi fil-fatt fil-kawza ***'Peter u Madeleine, konjugi Vella de Fremeaux vs Eagle Star (Malta) Limied (C-104) pro et noe'*** deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri datata 09 ta' Novembru 2002 il-Qorti tal-Appell rriteniet il-principju:

> *"l-principju enuncjat mill-Qorti tal-Appell [sede kummercjali], li l- kreditur m'ghandux dritt ibiddel unilateralment il-modalita` ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li, min jaccetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment jfissru li dak il-pagament kien qed jigi effettwat ghas-saldu, ibiddel il-modalita` ta' dak il-pagament*
>
> ...
>
> *l-fatt li s-socjetajiet appellanti ghamlu offerta lill-atturi billi baghtu cheques bhala pagamenti "in full and final settlement", l-atturi kellhom ghazla: jew li jaccettaw dawk il-pagamenti bil-kundizzjoni marbuta maghhom, u b'hekk tigi rizolta l-vertenza, jew inkella jirrifjutaw il-pagamenti; izda zgur li legalment ma setghux, ibiddlu unilateralment il-*

*modalita` tal-pagamenti offruti lilhom, u minn pagamenti ghas-saldu jiddikjaraw li qed jaccettawhom bhala pagamenti akkont tal-ammont pretiz minnhom."*

Illi ghalhekk skont l-insenjament tal-Qrati taghna l-accettazzjoni tal-atturi li jircievu pagament tad-depozitu in full and final settlement jwassal illi l-atturi ma' jistghux jaharbu mill-konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni. Illi l-accettazzjoni ta' tali pagament bil-kundizzjoni illi dan kien wiehed a saldu tal-pretensjonijiet li kellhom fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kienet qed tghalaq il-vertenza bejn il-partijiet. Illi jekk l-atturi ma kienux sodisfatti bil-kundizzjonijiet offruti mis-socjeta' konvenuta ghalhekk misshom irrifjutaw l-istess pagament.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba attrici ghandha tigi michuda.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jichad it-talba attrici bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jkunu a karigu tal-atturi.

Avv. Paul Borg
Arbitru